MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 131/2007/1

**Louis Peplow f'ismu proprju**
**kif ukoll bhala kuratur ad litem ta' ibnu Felix Peplow**
**u dan permezz tad-digriet moghti fis-27 ta' Marzu 2007**

**v.**

**Carmen Peplow**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur fit-23 ta' Marzu, 2007 li jaqra hekk:

“Premess illi, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn annessa bhala Dok A, il-kontendenti zzewwgu f’Malta fit-28 ta’ Awwissu 1976.

“Premess illi miz-zwieg taghhom il-kontendenti kellhom erbat itfal u cioe` James, Darren u Justin li huma lkoll maggorenni u Felix li ghandu 15-il sena, kopja tac-certifikat tat-twelid ta’ Felix huwa hawn anness bhala Dok B.

“Peress illi l-intimata rrendiet ruhha hatja lejn ir-rikorrent ta’ eccessi, sevizzi, ingurji gravi b’mod li rrendiet l-hajja konjugali ta’ bejniethom impossibbli u peress illi l-hajja matrimonjali bejn ir-rikorrenti u l-intimat tkissret irrimedjabbilment.

“Peress illi, prezentement it-tifel minuri jabita mal-intimata pero` jkun fl-ahjar interess tal-minuri Felix li l-kura u l-kustodja tieghu tigi fdata f’idejn ir-rikorrenti.

“U peress illi l-intimata qed tokkupa id-dar konjugali maghrufa Block A, Flat 16, Qasam Bini tal-Gvern, Birzebbuga filwaqt li r-rikorrenti qieghed jabita f’fond iehor temporanjament mat-tifel James;

“U peress illi r-rikorrenti ottjena l-awtorizzazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti fl-14 ta’ Frar 2007 sabiex jistitwixxi din il-kawza, kif jidher minn kopja tad-digriet relattiv hawn anness markat Dok C;

“Ghaldaqstant, r-rikorrenti jitlob bir-rispett previa d-dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jinghataw il-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

“1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn ir-rikorrenti u l-intimat;

“2. Tiddikjara li l-intimata hatja ghas-separazzjoni personali u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi tistabilixxi d-data meta l-istess intimata ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda.

“3. Tafda f’ idejn ir-rikorrenti l-kura u l-kustodja ta’ l-imsemmi minuri Felix.

“4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

“5. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti skont il-ligi u taqsamha f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-data tal-akkwisti tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn dina l-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kkunsidrat li minnha kien hati tal-firda b’tali mod illi jekk ikun il-kaz l-intimata titlef kull jedd li ghandha ghall-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tar-rikorrenti.

“6. Tassenja dawn iz-zewg porzjonijiet wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimata okkorendo bin-nomina ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma u nomina ta’ nutar biex jippublika l-atti opportuni u nomina ta’ kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

“7. Tapplika kontra l-intimat, interament jew in parti, d-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili u taghti lir-rikorrenti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

“8. Tordna illi r-rikorrenti ikollu id-dritt esklussiv illi jirrisjedi fid-dar konjugali Block A, Flat 16, Qasam Bini tal-Gvern, Birzebbuga.

“Bl-ispejjez, kontra l-intimata illi hija ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi
“1. Preliminarjament illi r-rikors gurament promotur huwa null stante li ma jsegwix il-voti li trid il-Ligi ai termini tal-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, in

kwantu l-premessi mhumiex enumerati kif trid il-Ligi liema rekwizit huwa mehtieg *ad validitatem* skont il-Ligi.

“2. Illi fil-meritu, ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser b’mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejniethom, dan pero` gara biess minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lir-rikorrent u ghalhekk it-talbiet rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt. Di fatti l-eccipjenti qeghda tipprevalixxi ruhha mid-dritt lilha mghoti tal-Kontro-Talba sabiex tirribadixxi dan kollu Ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

“3. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti ossia, eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li taqra hekk:

“1. ILLI l-kontendenti zzewgu fit-28 ta' Awissu 1976.

“2. ILLI minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom erbat itfal u cioe' *lames,* Darren u Justin li huma maggiorenni u Felix li huwa minorenni u ghandu 15 il-sena.

“3. ILLI l-rikorrent rikonvenzjonat rrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, *inter alia* permezz ta' adulterju, sevizzi, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tieghu fil-konfront tal-istess intimata rikonvenzjonanti, u kif ukoll iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess rikorrent rikonvenzjonat;

“4. ILLI l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz tad-Digriet appositu tal-Onorabbli Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja;

“**GHALDAQSTANT** l-esponenti qeghda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:

"**1. TIDDIKJARA** u **TIPPRONUNZJA** s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lir-rikorrent rikonvenzjonat kif fuq spjegat u **TAWTORIZZA** lill-intimata rikonvenzjonanti tghix separatament minn ma' r-rikorrent.

"**2. TAFFIDA** l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri fuq imsemmi Felix f'idejn l-intimata rikonvenzjonanti, salv kull provvediment xieraq ta' access favur ir-rikorrent li din il-Qorti jidrilha ghandha tipprovdi fl-ahjar interess tal- istess minuri.

"**3. TIDDIKJARA** li r-rikorrent rikonvenzjonat iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-intimata martu, filwaqt illi l-intirnata rikonvenzjonanti jibqalgha d-dritt li tippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti zewgha ghaliha u binha minuri fuq imsemmi.

"**4. TILLIKWIDA** ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mir-rikorrent rikonvenzjonat lill-intimata rikonvenzjonanti ghaliha u ghall-binha minuri fuq imsernmi, filwaqt li **TORDNA** u **TIKKUNDANNA** lill-istess rikorrent rikonvenzjonat sabiex ihallas dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u **TORDNA** illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew bi *standing order* u **TIPPROVDI** dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja.

"**5. TAPPLIKA** kontra r-rikorrent rikonvenzjonat l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-artikoli 48 sa 52 *et seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li huwa tilef kull dritt li jiret lill-intimata martu.

"**6. IXXOLJI** u **TILLIKWIDA** l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li r-rikorrent rikonvenzjonat huwa unikament hati ghas-separazzjoni personali u **TASSENJA** porzjon lill-intimata rikonvenzjonanti u porzjon lir-rikorrent *ope sententiam.*

Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

“**7. TIKKUNDANNA** lir-rikorrent rikonvenzjonat sabiex jirrestitwixxi lill-intimata rikonvenzjonani l-beni kollha dotali u/jew parafemali taghha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li r-rikorrent jaghmel dan, **TIKKUNDANNAH** ihallas lill-intimata rikonvenzjonanti dik is-somrna li ghandha tigi likwidata, *occorrendo* bl-opera ta' periti *nominandi,* rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernal i sudetti.

“**8. TORDNA** illi l-intimata rikonvenzjonanti jkollha d-dritt illi tibqa' tghix u tab ita fid-dar konjugali ossia Block A, Flat 16, Qasam Bini tal-Gvern, Birzebbugia u dana ad eskluzjoni tar-rikorrent rikonvenzjonat mill-istess dar, filwaqt illi **TORDNA** lill-istess rikorrent rikonvenzjonat sabiex jirrilaxxja l-istess dar vakanti favur l-intimata rikonvenzjonanti.

“**9. TGHATI** kull provvediment iehor xieraq u opportun.”

Rta ir-risposta guramentata tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Illi fil-waqt li l-esponenti jichad kull allegazzjoni li z-zwieg tkisser minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess esponenti, jeccepixxi li t-talbiet rikonvenzjonali tal-intimata Carmen Peplow huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess intimata Carmen Peplow billi kif ser jigi ipruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet u htija unikament imputabbli lill-istess Carmen Peplow.

“2. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti ossia eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fit-30 ta’ Ottubru, 2012, li in forza taghha ddecidiet il-kaza fis-sens li gej:

"… … … billi, filwaqt li tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta:
"[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bi htija esklussiva tal-attur;

"[2] tichad it-tieni talba;

"[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, stante li t-tifel Felix m'ghadux minorenni;

"[4] tilqa' ir-raba' talba u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti;

"[5] tilqa' il-hames u s-sitt talba limitatament u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni tal-Akkwisti';

"[6] tichad is-seba' talba;

"[7] tichad it-tmien talba;

"Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:

"[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens gja' fuq deciz;

"[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tifel sar maggjorenni;

"[3] tilqa' t-tielet u il-hames talba, u tapplika kontra l-attur l-artikolu 48 tal-kap.16 fl-intier tieghu;

"[4] tilqa' r-raba talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

"[5] tilqa' s-sitt talba fis-sens gja' deciz;

"[6] tatsjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba stante li ma ngabux provi fir-rigward;

"[7] tilqa' it-tmien talba;

"L-ispejjez kemm tat-talba kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom ikunu a kariku tal-attur."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“**Azzjoni u Kontro-talba**

“Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qed jitolbu s-separazzjoni personali bejniethom b’ tort esklussiv attribwibbli lil xulxin fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li l-konvenuta qed tattribwixxi wkoll lill-attur, l-adulterju fit-termini ta’ l-artikolu 38 ta’ l-istess Kap.; u wkoll qed jitolbu sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

“Iz-zewg partijiet jichdu dak attribwit lilhom.

“Illi wkoll in linea preliminari l-konvenuta qed tissolleva n-nullita’ tar-rikors guramentat ghar-raguni fuq indikata.

“**Separazzjoni Personali**

“Illi l-partijiet izzewgu fit-28 Awwissu 1976, u minn dan iz-zwieg ghandhom erbat-it tfal, James, Daren, Justin, u C li twieled fil-21 Frar 1992, u li sar maggjorenni fil-mori tal-proceduri.

“Illi l-inwkiet matrimonjali bejn il-partijiet aggrava fis-sena 1998 rizultat tal-fatt li l-ewwel wild tal-partijiet kellu tarbija barra z-zwieg.  Dan l-avveniment gab hafna nkwiet bejn il-partjiet, partikolarment, tenut kont tal-fatt li dawn ma kienx jaqblu fuq dak li kellu jsir fic-cirkostanzi.

“Illi rizultat tal-hafna litigji bejniethom il-konvenuta telqet mid-dar konjugali darbtejn, filwaqt li l-attur telaq hames darbiet;  fis-16 Gunju 2004 l-attur telaq defenittivament mid-dar.

“*Verzjoni Attur*

“L-attur jilmenta li li karattru tal-konvenuta kien wiehed difficli, u dan kien kagun ta’ hafna litigji bejn il-partijiet.  Il-konvenuta hi mara “carlatana, manipulattiva u ma terfax responsabbilita’ la ta’ ghemilha u wisq anqas ta’

kliemha."[1] Hi "dizonesta"[2] u egojista, "kienet taf li qed tkissirni imma ma kien jimpurtaha minn xejn ghax dak kien il-karattru taghha, l-ewwel hi, it-tieni hi u l-ahhar hi."[3] Hi kienet twegghu bi kliemha u b' ghemilha. Kull ma jinqala' fid-dar kienet twahhal fih, u, filwaqt li hu qatt ma pprovokaha, hi kienet taqbad argument mieghu ghal kull haga ta' xejn u twahhal fih. Inoltre, kienet taghmel minn kollox sabiex iddawwar lit-tfal kontra l-konvenut. Minn naha tiehu huwa okkazzjonalment kien jitlaq mid-dar sabiex is-sitwazzjoni takkalma.

"Jghid li kien hemm problema kbira ta' komunikazzjoni bejniethom.

"Ir-relazzjoni matrimonjali hazina bejniethom aggravat fis-sena 1998 meta saru jafu li t-tfajla ta' binhom James kienet harget tqila.

"Jghid li matul il-konvivenza matrimonjali, hu qatt ma kellu wicc haddiehor; filwaqt li jakkuza lill-konvenuta li dina kellha relazzjoni adulteruza ma' huh u ma' ragel iehor ma li jafx x' jismu. Jghid ukoll li hi kellha "xi tip ta' relazzjoni"[4] ma Aflred Grech.

"L-attur jghid li fis-16 ta' Gunju 2004 huwa kien kostrett li jitlaq mid-dar matrimonjali minhabba l-inkwiet li kienet tikkawzalu l-konvenuta.

"Jghid li f'Ottubru 2008 hu kien ser jiggennen bl-inkwiet ghax il-konvenuta ghamlitlu sekwestru anke fuq il-paga, u dan nonostante li kellu l-ispejjez xi jhallas inkluzi dawk tal-ghejxien tieghu.

"Illi fix-xhieda in subizzjoni li nghatat fil-11 ta' Dicembru 2009[5], l-attur jammetti li fis-sena 2006 huwa kien zbanka s-somma ta' LM2,000 minn wiehed miz-zewg kontijiet bankarji [li kollha kienu fuq ismu] u kien siefer bihom:

---

[1] Vol.1 – Fol.34
[2] Ibid. Fol.53
[3] Ibid. Fol.54
[4] Ibid. Fol.54
[5] Ibid. Fol.110

"Jiena kont hadt mieghi u kelli wkoll il- mieghi, il-girlfriend Sally Agius, u t-tifla taghha. Konna sifirna l-Canada. Qbadt il-flus minn dan il-bank u kont mort holiday…… Jiena ili naf lil Sally 5 snin. Ahna m' ahniex nghixu flimkien pero' nohorgu flimkien." Jikkonferma li minn mindu telaq mid-dar hu qatt ma hallas il-kirja tad-dar matrimonjali.

"*Verzjoni Konvenuta*

"Il-konvenuta tikkonferma li l-ewwel ghoxrin sena taz-zwieg kienu normali, u l-partijiet kienu kuntenti; u salv, ghal xi litigju okkazzjonali, li hu normali bejn il-mizzewgin, ma kienx jidher li hemm inwkiet serju. Hi kienet tiehu hsieb il-familja, filwaqt li l-attur kien imur ghax-xoghol.

"Tikkonferma wkoll li l-inkwiet matrimonjali serju fegg fis-sena 1998 meta t-tfajla ta' l-ewwel wild taghhom harget tqila. Kien minn dan l-istadju 'il quddiem li l-partijiet sabu ruhhom f' ghoqda ta' litigji kontinwi li kellhom l-origini taghhom fil-fatt li z-zewg partijiet hadu attitudini diversa lejn din il-problema; fis-sens li, filwaqt li l-konvenuta bhala omm it-tifel James kienet ipprovat tirrikoncilja l-inkwiet li nqala', l-attur minn naha tieghu ma riedx jaf fil-wild ta' ibnu. Di piu' is-sitwazzjoni bejn il-partijiet kienet aggravat meta l-attur kien imur ghand ommu jew ghand ohtu sabiex jiddiskuti u jitkellem maghhom fuq il-problema; filwaqt li minn naha taghha l-konvenuta kienet tippretendi li l-affarijiet familjari taghhom kellhom jigu diskussi bejniethom u mhux ma' terzi.

"Il-konvenuta tghid li "ghiegheli kien jigi minghand ohtu b' rabja fuqu u jghajjarni li jiena nigri mal-irgiel u li ma niehux hsieb uliedi, u qalli li anke mmur mar-ragel ta' ohtu [Alfred Galea] meta dan assolutament xejn m' hu minnu….. Dan il-kliem kien jghidu wkoll quddiem it-tfal."[6] Il-konvenuta tichad kategorikament dan li allega l-attur fuqha, u li sahansitra baqa' jallega fl-atti processwali odjerni. Il-konvenuta tispjega li dan il-kliem kien ikissirha u jweggaghha, u kien f' wahda minn dawn l-okkazzjonijiet li

[6] Vol.1 Fol.129 *et seq.*

hi, tant hadet ghaliha, li telqet ghal ftit zmien mid-dar konjugali.

“Izda l-attur, minflok ipprova jirranga s-sitwazzjoni, kompla jzid it-tensjoni u l-inkwiet billi kien beda jipprova jdahhal it-tfal fil-kwistjonijiet ta’ bejniethom, u kien ukoll jimlihom kontra l-konvenuta; u kien ghalhekk li hi darba minnhom kienet regghet telqet mid-dar u marret ghand ommha.

“Eventwalment l-attur beda johrog wahdu, u ma kienx jilqa’ l-proposta tal-konvenuta sabiex johorgu flimkien. Kien jghidilha “li hu ghandu ma’ min johrog u li ma riednix mieghu. Bdejna niggieldu aktar u kien jghidli li jrid il-liberta’ …. L-affarijiet baqghu jmorru ghall-aghar li beda jitlaq hu mid-dar ghal kull haga ta’ xejn, anke meta ma kienx ikollna xi nghidu.”[7]

“Il-konvenuta tichad li hi qatt kellha, jew ghandha, xi relazzjoni ma ragel iehor; u tghid li hi ma rieditx is-separazzjoni, izda meta saret taf li l-attur kellu mara ohra, hi kellha taccetta s-sitwazzjoni.

“Illi matul iz-zwieg hi ma kinitx tahdem barra d-dar peress li kellha erbat-it tfal xi trabbi, u dejjem hadet hsieb id-dar u l-familja. Minn naha tieghu l-attur kien jahdem, u jgib il-flus id-dar, izda kollox kien fuq ismu, u hi ma kellhiex access ghal flus li kien jiddepozita fil-banek. Ghalhekk, wara sitt xhur li l-attur telaq mid-dar u halliha minghajr ghajnuna finanzjarja, hi kellha tinvoka lil Qorti biex torhogilha manteniment ghaliha u ghat-tifel minuri C, bir-rizutlat li l-Qorti ordnat lill-attur ihallas manteniment ghaliha u ghat-tifel fl-ammont ta’ €209 kull gimghatejn dedotti direttament mill-paga ta’ l-attur; izda dan ma kienx iserviha u tghid li “sa dan it-tant kelli mmur naghmel xi saghtejn xoghol ‘l hemm u ‘l hawn innaddaf ghax ma kelli dhul ta’ xejn u l-manteniment li kien qieghed itini mhux bizzejjed, u l-kontijiet tal-bank kollox kien fuq ismhu, u jien ma kelli access ghal xejn.”[8]

[7] Ibid.
[8] Ibid.

“Il-konvenuta tghid li kif l-attur telaq mid-dar “mill-ewwel beda jkun ma’ mara ohra li ghadu maghha sallum il-gurnata cioe’ Sally. Gieghli anke gie maghha wara l-bieb tieghi biex iwassal lit-tifel.”[9]

“*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

“Illi l-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment; u dan tort tal-attur li, mis-sena 1998 beda jikkomporta ruhhu b’ mod abbuz fil-konfront ta’ martu. Dan il-komportament kien jikkonsisti f’ sevizzi u ingurja gravi, kif ukoll eventwalment f’ adulterju apert ma’ mara ohra. Il-Qorti tosserva li jikkostitwixxi ngurja gravi u anke sevizzi l-fatt li l-attur, quddiem it-tfal tal-partijiet, kien jallega li martu kellha relazzjonijiet ma’ rgiel ohra, liema allegazzjoni baqa’ jippersisti fiha anke f’ dawn il-proceduri, u li dwarhom ma gabx xintilla ta’ prova ta’ din l-allegazzjoni nuda u kruda tieghu.

“Huwa bir-ragun li l-konvenuta kienet thossha mwegga b’ dawn l-allegazzjoni, li tghid li kienu jkissruha. Dan, fil-fehema tal-Qorti, kien bizzejjed, fl-assenza ta’ provi, sabiex jitqieghed bhala bazi valida sabiex il-konvenuta titlob is-separazzjoni minn l-attur.

“Izda l-attur ma waqafx hawn, ghax fis-16 Gunju 2004 huwa telaq mid-dar konjugali u halla l-mara lampa stampa minghajr ghajnuna finanzjarja ghal sitt xhur sakemm eventwalment gie ordnat mill-Qorti jissomministra manteniment ghaliha u ghal binhom minuri. Dan ukoll jikkostitwixxi sevizzi, stante li l-konvenuta li ma kellhiex ebda ntrojtu, stante li l-kontijiet bankarji kienu kollha fuq isimha, u ma kellhiex access ghalihom, sabet ruhha minghajr flus, u ghalhekk kienet hadet l-inizjattiva sabiex okkazzjonalment taghmel xoghol ta’ tindif go appartamenti.

“Izda l-attur ma waqafx hawn, ghax jirrizulta li huwa kellu u ghad ghandu relazzjoni extra-matrimonjali mal-imsemmija Sally Agius; u inoltre, fis-sena 2006, meta l-

[9] Ibid.

konvenuta kienet qeda tghix fuq manteniment relattivament baxx, huwa kien gibed LM2,000 [illum€4,660] tal-komunjoni tal-akkwisti u nefaqhom f' safra fejn ha mieghu lil wiehed minn uliedu, il-habiba tieghu u t-tifla taghha !

"Il-Qorti tosserva li, anke jekk ir-reazzjoni tal-konvenuta ghall-komportament ta' zewgha wara s-sena 1998, seta' forsi kien ahjar, izda mhux kull komportament hazin jew sproprozjonat, fiz-zwieg iwassal ghas-separazzjoni, u f' dan il-kaz, il-provi juru li kien il-komportament abbuziv tal-attur li wassal ghas-separazzjoni personali u li kisser iz-zwieg irrimedjabbilment.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li l-attur unikament jahti ghas-separazzjoni personali, u din il-htija tattira fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap.16.

"**Manteniment**

"Illi b' digriet moghti minn din il-Qorti l-attur gie ordnat li jhallas lill-konvenuta s-somma mensili ta' €419.20 fix-xahar lill-konvenuta ghaliha u ghat-tifel minuri C li, meta dan sar maggjorenni, baqa' biss vigenti l-manteniment dovut lill-konvenuta fl-ammont ta' €209.64 fix-xahar, imnaqqas direttament mill-paga jew pensjoni tal-attur.

"Illi minn naha tieghu l-attur jkkontesta t-talba tal-konvenuta ghall-hlas tal-manteniment ghaliha, u qed jitlob ir-rifuzjoni tal-manteniment imhallas minnu, stante li, skond hu l-attrici hija hatja ta' adulterju, u di piu' hija tahdem bi qligh.

"Illi l-Qorti fl-ewwel lok tosserva li ma gie provat ebda adulterju jew xi relazzjoni ta' hbiberja specjali ma' ragel iehor, da parti tal-konvenuta,  Fit-tieni lok, tosserva li ma jirrizultax provat li l-konvenuta li llum ghandha circa 55 sena tahdem bi qligh xieraq u regolari.  Dak li gie provat biss f' dan ir-rigward, huwa li, sabiex il-konvenuta tghin ruhha u lit-tfal taghha, hija okkazzjonalment tmur tnaddaf appartament ta' terzi.  Din l-attivita' sporadika li l-

konvenuta kienet kostretta li taghmel ma jtellifx id-dritt taghha li titlob u tottjeni manteniment minghand l-attur bhala l-konjugi unikament hati tas-separazzjoni, multo magis meta dan jigi kkunsidrat fid-dawl tal-introjtu ta' l-istess attur.

"Illi dwar il-mezzi finanzjarji tal-attur, jirrizulta li sas-sena 2010 dan kien jippercepixxi pensjoni[10] minghand il-Malta Shipyards Ltd fl-ammont ta' €401.48 fix-xahar, u paga netta[11] tax-xoghol li ghadu jaghmel mal-istess socjeta' fl-ammont ta' €326 – b' kollox €727.48 fix-xahar. Inoltre, hemm is-somma rapprezentanti terminal benefit fl-ammont ta' €4,000 depozitata fir-Registru tal-Qorti.

"Ferm il-premess il-Qorti hi tal-fehema li rebus sic stantibus manteniment xieraq u gust ghall-konvenuta jkun ta' €320 fix-xahar. Ghalhekk tordna li l-attur ihallas lill-attrici din ir-retta alimentarja mensili, li ghandha tigi riveduta kull sena skond l-gholi tal-hajja kif indikat fl-indici ufficjali mahrug mill-Gvern, u li dan l-ammont ghandu jitnaqqas direttament mis-salarju, qligh jew introjtu dovut lill-attur.

"**Komunjoni tal-Akkwisti**
"L-assi tal-komunjoni jikkonsistu fis-segwenti:

"[1] l-inkwilinat tad-dar konjugali Block A Flat 16, Qasam Bini tal-Gvern, Birzebbugia
"[2] l-ghamara fid-dar;
"[3] is-somma percepita mill-socjeta' assikuratrici dwar il-vettura Peugeot 205 – CAR 253;
"[4] depoziti bankarji;
"[5] somma depozitata fil-Qorti.

"*Inkwilinat*

"Illi tenut kont tal-fatt li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi fuq l-attur li llum qieghed f' relazzjoni extra-matrimonjali ma' mara ohra, il-Qorti tassenja lill-konvenuta l-inkwilinat tad-

[10] Vol.2 – Fol.432
[11] Vol.1 – Fol.224

dar konjugali, u tawtorizza lill-istess konvenuta tghix fl-imsemmi post, ad eskluzjoni ta' zewgha.

"*Ghamara*

"Illi permezz ta' nota[12] prezentata mill-attur, u konfermata minnu bil-gurament, l-attur jelenka l-ghamara li hemm fid-dar konjugali bil-valuri rispettivi taghhom; liema lista ma gietx kontrastata mill-konvenuta. Minn naha taghha l-konvenuta fix-xhieda[13] taghha tghid li kien hemm l-mobbli ndikati minnha, izda li xi whud minnhom, bhal fridge, microwave, washing machine u zewg sufani ghal kcina, kellha tbiddilhom peress li kienu jtgharrqu biz-zmien. Kellha wkoll taghmel zewg kmamar tas-sodda; u dan setghet taghmlu bl-ghajnuna finanzjarja ta' ommha, u mill-flus li kienet wirtet; filwaqt li l-ghamara, inkluza l-kcina, li saret waqt il-konvivenza matrimonjali jtgharrqet u ma tiswa' xejn.

"Il-Qorti tosserva li x-xhieda fir-rigward hija skarsa, partikolarment fejn jidhlu l-valuri tal-oggetti; filwaqt li l-valuri ndikati fil-lista tal-attur jirraprezentaw "kemm inxtraw" u ghalhekk illum bit-trapass ta' tant zmien, il-valuri taghhom necessarjament nizlu sew.
Ghalhekk il-Qorti hi kostretta li tasal ghall-valur komplessiv arbitrio boni viri, u dan fl-ammont komplessiv ta' €5,000, li minnhom, l-attur ghandu nofshom. Ghalhekk il-Qorti tordna li l-konvenuta, filwaqt li zzomm l-ghamara u l-effetti kollha li hemm fid-dar konjugali, tordna li din thallas lill-attur is-somma ta' €2,500.

"*Vettura*

"Illi jirrizulta pacifiku li din il-vettura giet skrappjata, u l-attur jghid li s-socjeta' assikuratrici taghtu s-somma ta' €565 li, minnhom hallas €18 ghall-iskrappjar taghha, u ghalhekk lill-konvenuta huwa dovut nofs il-bilanc, cioe' €273.50. Ghalhekk tordna li l-attur ihallas lill-konvenuta din is-somma.

[12] Vol.1 – Fol.202
[13] Vol.2 – Fol.504

"*Depoziti Bankarji*

"Illi l-konvenuta tghid li fil-banek kien hemm madwar LM6,000 [illum €13,980] li l-attur gibed minghajr il-kunsens taghha; izda ma tat ebda dettalji ulterjuri.

"Fir-rigward il-Qorti tosserva li mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank HSBC[14] jirrizulta li l-attur kellu f' ismu tlett kontijiet: kont kurrent numru 047010624001 li ghadu miftuh u sal-14 April 2010 kien fih €305.77; kont savings numru 047010624050 li ghadu miftuh u li sal-imsemmija data kien hemm bilanc ta' €124.65; kont fiss numru 047010624100 li meta nghalaq fid-29 Settembru 2010 kien hemm bilanc ta' €2,036.63. Dawn il-kontijiet kienu fuq isem l-attur biss.

"Il-Qorti tordna li nofs l-imsemmija ammonti jgi mhalla mill-attur lill-konvenuta bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.

"Illi mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank of Valletta jirrizulta li hemm tlett kontijiet fissi li huma fuq isem l-attur, u li llum jinsabu maghluqin. Dawn huma l-kont numru 13504590016 li nghalaq fil-21 ta' Gunju 2006 meta kellu bilanc ta' LM2,369.57 [illum €5,521]; il-kontijiet fissi numri 13504590029 u 40013230911 li kienu mizmumin mill-attur ghan-nom tat-tifel, allura minorenni, C. Dawn inghalqu rispettivament fit-23 Frar 2004 u fl-10 April 2007, b' bilanci ta' LM373.84 [illum €871.04] u €447.91, u ghalhekk qabel it-tifel ghalaq it-tmientax-il sena.

"Il-Qorti tordna li l-attur jhallas lill-konvenuta nofs dawn l-ammonti, stante li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

"*Somma Depozitata*

"Illi s-somma depozitata fir-Registru tal-Qorti rapprezentanti t-terminal benefit dovut lill-attur minhabba

[14] Vol.2 – Fols. 390-391

t-terminazzjoni tal-impieg tieghu, tinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

“*Eccezzjoni Preliminari*

“Illi din l-eccezzjoni hija fis-sens li r-rikors guramentat huwa null peress li l-paragrafi m’ humiex enumerati fit-termini ta’ l-artikolu 156[1][a] tal-kap.16. In propozitu, il-Qorti tosserva li dak li hu essenzjalment rikjest mill-isemmi artikolu huwa li r-rikors guramentat ikun jikkontjeni espozizzjoni cara u esplicita tal-meritu tal-kawza, u dan sabiex il-meritu jkun facilment identifikat mill-kontroparti; filwaqt li l-fatt li l-paragrafi jkunu enumerati huwa fattur incidentali li zgur wahdu ma jwassalx ghan-nullita’ tar-rikors, stante li din il-vjolazzjoni fil-forma ma twassal ghal ebda pregudizzju ghal-konvenuta li kkontestat il-kaz ad unguem u li ma jidhirx li kellha xi problema li tidentifika dak li kien qed jallega u jitlob l-attur. Ghalhekk din l-eccezzjoni hija nfondata.”

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Louis Peplow li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:
“… … … tirrevoka s-sentenza moghtija fl-ismijiet ‘Louis Peplow pro et noe v. Carmen Peplow’ datata 30 ta’ Ottubru 2012, billi tilqa’ t-talbiet tieghu u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tichad it-talbiet taghha in kontro-talba u tilqa’ l-eccezzjonijiet tieghu bi twegiba ghall-kontro-talba taghha, u ghalhekk tilqa’ l-aggravji tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata.”

Rat ir-risposta tal-konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti illi l-appell ta’ Louis Peplow ghandu jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet li zzewwgu fit-28 ta' Awwissu, 1976. Minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom erbat itfal, li llum huma kollha maggjorenni. Il-partijiet jimputaw lil xulxin ir-raguni tal-firda, izda l-ewwel Qorti, wara li qieset il-provi prodotti, kienet tal-fehma li l-attur jahti unikament ghas-separazzjoni personali, u applikat fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili. L-istess Qorti wara pprocediet biex tikkundanna lill-attur ihallas is-somma ta' €320 fix-xahar bhala manteniment ghall-martu, u tterminat u llikwidat il-komunjoni tal-akkwisti allura vigenti bejn il-koppja Peplow.

Mis-sentenza appella l-attur li ressaq diversi aggravji relatati mas-sejba tar-responsabbilita` ghall-firda – peress illi hu jsostni li t-tort ghandu jkun ta' martu l-konvenuta – u fuq diversi aspetti marbuta mal-qasma tal-kumunjoni tal-akkwisti kif maghmula mill-ewwel Qorti.

L-ewwel Qorti sabet tort fl-attur ghax qalet li wara li binhom il-kbir hareg tqila lit-tfajla tieghu, l-attur ha attitudini differenti minn martu lejn il-kaz, u beda jikkomporta ruhu b'mod abbuziv fil-konfront ta' martu. Hu kien ukoll jallega li martu kellha relazzjoni ma' diversi rgiel, u dan meta ma kellux provi biex jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu. Irrizulta wkoll, illi wara li l-attur telaq mid-dar, hu beda relazzjoni ma' certa Sally Agius, li, pero`, skont hu, johrog maghha, izda mhux qed jghixu flimkien.

Din il-Qorti fliet u ezaminat il-provi kollha prodotti u ghalkemm tirrikonoxxi dawn ir-rizultanzi fil-konfront tal-attur, ma tahsibx li l-inkwiet familjari kien kollu tort tal-attur. Dan kien zwieg li tista' tghid kien "made in hell" biz-zewg partijiet ta' karattru iebes u li ma kienux lesti jcedu ghal dak li jrid haddiehor. It-tnejn kienu ta' rashom iebsa, u meta kien ikun hemm agument, kienu malajr jisplodu. Il-Family Therapist, Carmen Delicata, tghid li l-koppja kienu jiggieldu hafna fuq it-tfal, u "*martu ma kienetx tappoggjah meta kien ikollhom problemi bit-tfal*". Din kienet l-aghar attitudini li omm tista' tiehu lejn zewgha fejn jidhlu l-interessi tat-tfal, aktar u aktar meta d-divergenzi kienu jigu

espressi quddiem it-tfal. Uhud mit-tfal jidher li kellhom varji problemi, anke bi droga, u l-glied tal-genituri quddiem l-istess tfal ma kienx zgur jghin biex il-problemi jigu trattati b’mod kalm. It-tnejn riedu li tghaddi taghhom, anke fil-konfront tat-tfal, u l-kelma “kooperazzjoni” ma jidhirx li kienet parti mill-vokabolarju taghhom.

L-imsemmija Family Therapist qalet li r-ragel kien abbuziv bi kliemu u “*kien ikun irid l-ahhar kelma*”. Iben il-partijiet, Felix, jghid li ommu kienet bil-fors trid kollox kif tghid hi u kellha “*rasha iebsa*”. Poggi dawn iz-zewg irjus flimkien, u r-rizultat bil-fors ikun ikompatibbilita` cara ta’ karattri.

Jidher li anke bejn it-tfal subien kien ikun hemm digwid serju, tant li kien hemm incidenti li fihom kellha anke tissejjah il-Pulizija. Il-genituri, pero`, kienu anke jiggieldu dwar kif iqisu dan il-glied, u flok jipprovaw jikkooperaw u jaraw kif iwettqu l-paci bejn uliedhom, kienu aktar ikabbru t-tensjoni bi hsara ghall-interess tat-tfal.

L-attur ghamel erbghin sena jahdem fid-drydocks sakemm spicca li rtira mal-Malta Shipyards. Jidher li kien bniedem habrieki fuq ix-xoghol, pero`, id-dar kien irid li kollox isir kif ried hu, u kien jikkonsulta hafna mal-membri tal-familja tieghu, l-aktar ma’ ohtu, li, milli jidher kienu jagixxu b’kontra milli jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni. Il-konvenuta, min-naha l-ohra, sakemm it-tfal kienu zghar u tmexxi l-familja hi, kienet fil-kontroll tas-sitwazzjoni, izda meta t-tfal bdew jikbru u bdew jinqalghu l-problemi, riedet tkompli tagixxi kif trid, u tinjora dak li jghid zewgha fuq l-istess problemi. Ir-ragel kien, bir-ragun, ihoss ruhu wahdu d-dar, u meta jipprova jghid tieghu, kienet tinqala’ glieda peress li l-konvenuta, kif qal binha Felix, “*rasha iebsa u jitlalha malajr*”.

Ir-ragel ipprova jsalva z-zwieg. Kien mar ghand Counsellor u hajjar lil martu tattendi hi wkoll; il-laqghat pero`, twaqqfu hesrem meta darba minnhom il-mara ma riedetx tattendi. Kienu kellmu wkoll lill-Kappillan tal-Parrocca fejn joqghodu li, pero`, jidher li qata’ qalbu wara ftit. Ir-ragel talab ukoll l-ghajnuna ta’ psikologu wara li telaq mid-dar, u dan minhabba t-tensjoni li kienet taqbdu

meta martu kienet taqbad mieghu ghal xejn b'xejn, u tweggghu bi lsienha. Din il-Qorti tinnota li anke ghall-problemi tat-tfal kien jehel l-attur, u kien jispicca jaqlaghha hu ghal gwai li kienu jsibu ruhhom fih.

Hu veru li kif qalet l-ewwel Qorti, akkuza ta' adulterju fil-konfront ta' martek, hija akkuza serja, u tammonta ghal sevizzi jew ingurja gravi meta mhux ppruvata. F'dan il-kaz, taqbel li ma tirrizultax prova ta' adulterju, u din il-Qorti ma tistax tqis lill-konvenuta responsabbli ghal agir simili, pero`, certi suspetti ddahhlu f'mohh il-Qorti. Mill-atti, per ezempju, jirrizulta li tifel tal-partijiet darba ltaqa' wicc imb'wicc ma' ommu miexja id f'id ma' ragel iehor, bil-konvenuta tirribatti biss li meta tohrog timxi, tghamel hekk dejjem fi grupp. Jidher li l-konvenuta kellha hbiberija "tajba" mar-ragel ta' oht l-attur; min-naha l-ohra, il-konvenuta kienet anke tghajjar lil zewgha li kien imur ma' ohtu stess. Tul iz-zwieg, tghajjir simili kien jinghad b'mod liberu, u ghalkemm l-attur baqa' sejjer bl-akkuzi tieghu anke fil-waqt ta' dawn il-proceduri, meta kien jaf li ma kellux provi jew indizji cari ta' adulterju da parti ta' martu, tara li fil-kumpless tal-affarijiet, ma tistax titfa' piz zejjed fuq dawn l-akkuzi, mhux sostanzjati, tal-attur. Min-naha l-ohra, veru li, issa wara li r-ragel telaq mid-dar, hu car li l-attur ghandu xi forma ta' relazzjoni ma' mara ohra, pero`, meta tqis din ir-relazzjoni fil-kuntest taghha, u fin-nuqqas ta' provi cari, konkludenti u univoci ta' relazzjoni adultera kif trid il-ligi, tara li ghandha tqisha bhala cirkostanza wahda fost il-kumpless ta' cirkostanzi li wasslu ghall-firda. (ara **Xuereb v. Xuereb** deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' April, 1991).

Il-konvenuta tirreferi ghal dak li qal zewgha mal-Family Therapist li wara li telaq mid-dar, kien qed "*ihossu strah u free*" biex turi kemm zewgha ma riedx isalva z-zwieg. Min-naha tieghu, l-attur jghid li veru hassu "strah" wara li telaq mid-dar, ghax martu kienet qed tkissru. Tajjeb li jinghad li l-konvenuta, f'Lulju tal-2001 kienet gia` marret ghand avukat li kitbilha ittra lil zewgha ghas-separazzjoni. Hi tghid li marret ghand l-avukat biex titlob rikonciljazzjoni, pero`, mhux verosimili li l-avukat ikun kiteb ittra bil-maqlub ta' dak li tkun riedet klijenta. Dan kollu jkompli jikkonferma

li s-sitwazzjoni bejn il-koppja ma kienetx mibnija fuq is-sod, u fl-ahhar it-tnejn xebghu minn xulxin, u ma setghux jissapportu aktar l-attitudini ta’ xulxin, sakemm, fl-ahhar, f’Gunju tal-2004, l-attur telaq mid-dar b’mod definittiv. Il-fatt li qabel dan, il-konvenuta telqet mid-dar konjugali darbtejn, u l-attur hames darbiet, ikompli juri li r-relazzjonijiet extra-matrimonjali li, milli jidher, qabdu z-zewg partijiet (anke jekk, mill-atti, dan qed jinghad biss fuq bazi ta’ suspett), kienu aktar ir-rizultat milli l-kawza taghha.

Din il-Qorti, ghalhekk, tara li t-tort tal-firda ghandu jinxtehet fuq iz-zewg partijiet, f’ishma ndaqs, u fil-konfront taz-zewg partijiet ghandhom jigu applikati s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

Dan ifisser li l-konvenuta ghandha titqies li ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minghand zewgha. Apparti l-attitudini tal-konvenuta lejn il-familja kif fuq imfisser, il-konvenuta tista’ u fil-fatt tahdem b’mod regolari gewwa lukanda f’Birzebbuga. Hi ilha tahdem hemm mill-2004, u l-fatt li s-sidien ta’ din il-lukanda jghidu li – forsi ghal ghanijiet taghhom – ma ghandhomx records tas-sieghat u l-granet li tahdem il-konvenuta (haga mhux verosimili) ma ghandux jittiehed a hsara tal-attur. It-tifel li jghix ma’ ommu jikkontribwixxi ghall-manteniment tieghu u jghid li ommu “tahdem”, u jekk qed tahdem biss ftit sieghat, hi llum tista’ u ghandha tahdem aktar biex tmantni lilha nfisha. It-tfal illum huma kollha maggorenni, u ma jirrizultax li l-konvenuta ghandha xi impediment jew marda li jzommuha milli tahdem. Ir-ragel u l-mara jridu t-tnejn jikkontribwixxu ndaqs ghall-ghixien taghhom, u fin-nuqqas ta’ cirkostanzi li jiggustifikaw il-kontinwazzjoni ta’ hlas ta’ manteniment, kull parti jrid jahseb hu ghall-ghixien tieghu wara s-separazzjoni.

Ma tarax li din il-Qorti ghandha, kif talab l-attur, tordna r-rifuzjoni tal-manteniment li hu ilu jhallas sallum, ghax kien hemm ordni tal-Qorti biex isir il-hlas u l-konvenuta kellha ragun tikkonsidra l-ordni bhala parti mid-dhul taghha. Mix-xahar id-diehel ’il quddiem, pero`, ir-ragel u l-mara jridu jahsbu huma individwalment kif imantnu lilhom infushom.

Lanqas ma tara li ghandha tirrevoka l-ordni tal-ewwel Qorti biex l-attur jghaddi lil martu nofs is-somma ta’ €4000 li ha bhala terminal benefit minghand il-Malta Shipyard. Hu veru li s-somma nghatat lill-attur wara s-separazzjoni de facto, pero`, tirrifletti u tiehu in konsiderazzjoni z-zmien kollu li hadem fid-dockyard matul iz-zwieg, u l-konvenuta hija intitolata ghas-somma daqs zewgha. It-talbiet relattivi qeghdin, ghalhekk, jigu michuda.

L-attur, f’wiehed mill-aggravji tieghu, ilmenta mill-ordni fis-sentenza tal-ewwel Qorti biex ihallas nofs il-flus li kienu ngibdu minnu mill-bank. Dwar is-somma ta’ Lm2000 li hu kien gibed fl-2006 biex siefer lejn il-Canada ghal btala ma’ ibnu (flimkien mal-habiba u bintha), il-Qorti tghid li nofs din is-somma kienet tal-konvenuta u l-attur ma kellu ebda dritt jaqbad, minghajr il-kunsens ta’ martu, jizbanka l-flus kollha u jmur ghal btala ma’ ibnu z-zghir. Jekk ried jiehu lil ibnu btala kellu jikkonsulta ma’ martu jew juza sehemu mill-assi ghall-istess. Wara s-separazzjoni de facto ebda parti ma tista’ tuza l-flus tal-komunjoni tal-akkwisti ghal xi haga li trid hi.

Fir-rigward tal-kont mal-Bank of Valletta li kien fih bilanc ta’ €871.04, dan ukoll inghalaq ftit qabel mal-attur telaq mid-dar, u ma jirrizultax li ntuzaw mill-attur ghall-beneficcju ta’ martu u/jew l-familja. Il-kont mal-istess bank li kellu bilanc ta’ €447.91 ukoll gie zbankat mill-attur minghajr il-kunsens ta’ martu. L-attur jghid li l-flus kienu ta’ ibnu Felix, u fil-fatt inghataw lilu, u hu ma ha xejn minnhom. Dan kollu, pero`, jekk sar, sar minghajr il-kunsens tal-konvenuta. Jekk, kif jallega l-attur, il-konvenuta taf li l-flus kienu ta’ u hadhom it-tifel, allura hi trid tirranga mat-tifel, ghax ghall-fini tal-kawza, il-flus jidhru li kienu tal-komunjoni tal-akkwisti, u l-attur irid igib il-flus lura u jaghti nofshom lil martu. F’kull kaz, l-obbligu hu tieghu li jaghti nofs il-flus lil martu, ghax kien hu li zbanka flus il-komunjoni u, almenu inizjalment, ha pussess tal-istess.

L-aggravji marbuta ma’ din l-ordni huma ghalhekk michuda.

L-attur jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti assenjat lill-konvenuta l-inkwilinat tad-dar konjugali f'Qasam Bini tal-Gvern, Birzebbuga. Hu jghid, pero`, li lest ihalli l-inkwilinat ta' dan il-post lil martu jekk ma jhallashiex manteniment. Ghalhekk, darba li din il-Qorti ddecidiet li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment minghand zewgha, ma tarax li ghandha tvarja din l-ordni. Inoltre, fic-cirkostanzi, tqis li dik l-ordni hi gustifikata u ghandha tibqa' fis-sehh. Il-fatt li l-attur irid issa jfittex hu kif u fejn jirrisjedi, jiggustifika wkoll in-nuqqas ta' hlas ta' manteniment lejn martu, li se tibqa' tgawdi post b'kera baxxa ta' €17.50 kull tlett xhur.

Dwar il-qsim tal-ghamara, l-attur mhux qed jilmenta minn dak li pprovdiet l-ewwel Qorti, pero`, jixtieq jiehu l-oggetti parafernali tieghu, li dwarhom l-ewwel Qorti ma pprovdietx. L-attur qed jitlob li jinghata zewg imwejjed zghar li kienu fis-salott, u l-kotba personali tieghu, inkluza l-encyclopedia. Fuq dawn l-attur ghandu ragun u l-Qorti qed tipprovdi billi tordna lill-konvenuta, b'zieda ma' dak li ordnat l-ewwel Qorti, tghaddi dawn l-oggetti lil zewgha l-attur.

Dwar l-ispejjez tal-kawza, din il-Qorti tara li l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet, anke ghaliex ressqu talba u kontro-talba u t-tnejn jahtu ghall-firda.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur Louis Peplow billi tilqa' l-istess biss in parte u tipprovdi billi tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti hlief li tvarjaha f'zewg kontesti (i) flok li tippronunzja s-separazzjoni bi htija esklussiva tal-attur, tippronunzja l-istess bi htija taz-zewg partijiet f'sehem indaqs, u (ii) flok tordna lill-attur ihallas is-somma ta' €320 fix-xahar bhala manteniment lil martu, tipprovdi billi tiddeciedi li l-konvenuta tilfet il-jedd li tippercepixxi manteniment futur minghand zewgha; ghall-bqija s-sentenza tal-ewwel Qorti qed tigi konfermata kif inhi – b'zieda li tordna ir-rifuzjoni tal-oggetti parafernali tal-attur lill-attur kif aktar qabel inghad, u cioe` z-zewg imwejjed zghar li kienu fis-salott u l-kotba personali tieghu inkluza l-encyclopedia.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, ghandhom jithallsu nofs mill-attur Louis Peplow u nofs mill-konvenuta Carmen Peplow.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------